MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tat-28 ta' Settembru, 2009

Numru. 592/2009

**Il-Pulizija**
**(Spettur Trevor Micallef)**

**Vs**

**Derek Grech ta' 22 sena, iben Paul u Rita nee` Cassar, imwieled fl-20 ta' Dicembru, 21986, fil-Pieta u residenti 7, Blk C, Flt 2, Triq il-Pellegrinagg, Bormla, detentur tal-karta tal-identita` numru 27987(M)**

Il-Qorti;

Rat l-akkuzi migjuba fil-konfront tal-imputat Derek Grech li gie akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer fil-21 ta' Gunju 2009 ghal habta tas-saghtejn ta' filghodu (02.00a.m) f'San Giljan u f'partijiet ohra f'Malta:

1) Attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b'hebb kontra PC923 Pierguido Saliba u PC655 Ryan

Mifsud, persuni inkarigati skond il- ligi minn servizz pubbliku, filwaqt li kienu jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghti skond il-ligi mill-awtorita kompetenti.

2) Ikkaguna ferita ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' PC923 PierguidoSaliba u PC655 Ryan Mifsud, persuni inkarigati skond il- ligi minn servizz pubbliku, filwaqt li kienu jagixxu ghall- esekuzzjoni tal-lig jew ta' ordni moghti skond il-ligi mill-awtorita kompetenti.

3) Ingurja, hedded jew ghamel offiza fuq il-persuni ta' PC923 Pierguido Saliba u PC655 Ryan Mifsud, persuni inkarigati skond il- ligi minn servizz pubbliku, waqt li kienu qeghdin jaghmlu jew minhabba li kienu qeghdin jaghmlu jew minhabba li kienu ghamlu dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzaghhom jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz.

4. Volontarjament kiser il-bon ordni u paci tal-pubbliku b'ghajjat u glied.

5. Ma obdiex l-ordnijiet legittimi tal-Pulizija, persuni inkarigati minn servizz pubbliku, jew ma halliex jew fixkilhom waqt li kienu qed jaghmlu d-dmirijiet taghhom, jew b'mod iehor, bla jedd, indahal fi dmirijiethom billi ma halliex lil haddiehor jaghmel dak li b'ligi kien ordnat jew setgha jaghmel, jew billi gab fix-xejn jew hassar dak li haddiehor kien ghamel skond il-ligi, jew b'xi mod iehor.

6. Qal kliem oxen li jikkonsisti f'dagha fil-pubbbliku.

7. Rema', halla, jew xorta orha qattar jew iddepozita zibel/skart f'post pubbliku, triq jew spazju fil-miftuh li ghalih il-pubbliku ghandu access, liema depozitu jew thollija ma kienx awtorizzat.

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex din il-kawza tigi trattata bil-proccedura sommarja;

Semghet l-ammissjoni maghmula mill-imputat liema ammissjoni giet rijaffermata wara li l-Qorti tghatu zmien xieraq sabiex jirrikonsidra l-istess

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena;

Ikkunsidrat;

Illi fid-dawl tal-ammissjoni maghmulha mill-imputat il-Qorti ma tistax hlief issib lill-imputat hat ital-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu.

Illi meta tigi biex tikkonsidra l-piena li ghandha tigi inflitta l-Qorti sejra tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija tal-imputat u l-fedina penali tieghu li mhix xi wahda allarmanti.

Il-Qorti semghet lill-imputat jiskuza ruhu mal-ufficjali tal-pulizija ghall-incident fejn jidher illi l-imputat iddispjacieh ghal dak li ghamel. Il-Qorti twissi lill-impuat illi jekk huwa jerga igib ruhu hazin mal-ufficjali tal-pulizija fil-qadi ta' dmirijiethom hija mhux ser terga' tkun klementi mieghu.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikoli 95, 96, 221, 338(dd), (ee), (bb) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u artikolu 4 LN 344/2005 issib lill-imputat hati ta' l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu izda fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b'applikazzjoni ta' l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 il-Qorti tillibera lill-imputat bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien sena mil-lum. Inoltre l-Qorti l-hati qed jigi kkundannat ihallas multa ta' €58.23.

Il-Qorti twissi lil hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkometti reat iehor matul il-perijodu operattiv ta' dina is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------